

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-131/15)**

(2015/C 414/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martina, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li r-rikorrent ma jiġix ikklassifikat mill-ġdid fil-grad AD13 abbażi tal-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-2013.

**Talbiet**

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ li r-rikorrent ma jiġix ikklassifikat mill-ġdid fil-grad AD13 abbażi tal-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-2013;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-133/15)**

(2015/C 414/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: M. Velardo, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi sanzjoni ta' tniżżil permanenti ta' żewġ gradi fuq ir-rikorrent wara investigazzjoni dwar sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess kif ukoll il-kumpens għad-dannu morali allegatament sostnut.

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tal-10 ta' Diċembru 2014 li timponi fuq ir-rikorrent is-sanzjoni dixiplinari ta' tniżżil permanenti mill-grad AD11 għall-grad AD9, fl-istess grupp ta' karigi;
  - tagħti s-somma ta' EUR 100 000 lir-rikorrent bħala danni u interessi minħabba t-tul tal-proċeduri;
  - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
-